Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 210/2017/1

**Bad Boy Cleaning Services Limited (C8836)**
**(appellata)**

**Vs**

**Lorry Caruana**
**(appellant)**

29 ta' Marzu, 2019.

1. **Dan huwa appell minn sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-24 ta' Settembru 2018 li permezz tagħha laqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' €2,470.92, rappreżentanti prezz ta' tindif li sar u ma tħallasx, u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza u spejjeż 1/10 a karigu tas-soċjetà attriċi u 9/10 a karigu tal-konvenut.**

2. Il-proċeduri fil-prim' istanza żvolġew kif ġej:

    2.1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ppreżentat fit 18 t' April 2017, is-soċjetà appellata talbet lit-Tribunal għal Talbiet Żgħar jikkundanna lill-konvenut illum appellant sabiex iħallasha s-somma ta' €2,619.60 rappreżentanti prezz ta' servizz ta' tindif li sar iżda ma tħallasx.

    2.2. Il-konvenut wieġeb: (i) illi t-talba tas-soċjetà attriċi għandha tiġi miċħuda fil-fatt u fid-dritt; (ii) li huwa mhux il-leġittimu kontradittur; (iii) li x-xogħlijiet saru a benefiċċju ta' Christian Borg li huwa sid il-proprjetà li fiha saru x-xogħlijiet; u (iv) li f'kull każ u mingħajr preġudizzju, ix-xogħlijiet ta' tindif in kwistjoni f'*Nru. 1, Triq il-Mejjiela, Manikata*, ma sarux skont is-sengħa u l-arti peress li parti mill-inkarigu li kellu jiġi eżegwit mill-attriċi, ossija t-tindif tal-madum ta' quddiem l-imsemmi fond, baqa' ma sarx.

2.3. Fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2017, il-konvenut irtira t-tieni u t-tielet eċċezzjoni tiegħu.[1]

2.4. B' sentenza mogħtija fl-24 ta' Settembru 2018, it-Tribunal għal Talbiet Żgħar iddeċieda l-każ billi laqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' €2,470.92, rappreżentanti prezz ta' tindif li sar u ma tħallasx, u kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-imsemmija somma bl-imgħaxijiet mid-data tas-sentenza u spejjeż 1/10 a karigu tas-soċjetà attriċi u 9/10 a karigu tal-konvenut.

2.5. Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal kienu s-segwenti:

> *'Illi, tenut kont tal-fatt li, kif verbalizzat fis-seduta tal-4 t'Ottubru, 2017, l-intimat irtira kemm it-tieni u kif ukoll it-tielet eccezzjonijiet tieghu, jifdal li dan it-Tribunal jiddeciedi l-mertu tal-kawza odjerna u cioe` jekk l-intimat huwiex intitolat li jirrifjuta li jhallas lis-socjeta` attrici is-somma reklamata minnha ghax « ix-xogholijiet ta' tindif mertu tat-talba tal-attur (…) ma sarux skont is-sengha u l-arti* ***u dan peress*** *li parti millinkarigu li kellu jigi ezegwit mis-socjeta` attrici ossia t-tindif tal-madum ta' quddiem limsemmi fond, baqa' ma sarx » (enfazi mizjuda).*
>
> *Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimat inkariga lis-socjeta` attrici sabiex twettaq xogholijiet ta' tindif fil-fond 1, Triq il-Mejjiela, Manikata liema inkarigu gie accettat mis-socjeta` attrici u kien jikkonsisti essenzjalment fl-aspetti li jinsabu elenkati fl-email datata 11 t'Ottubru, 2016 (a fol. 20 tal-process). Permezz tal-istess email gew determinati r-rati applikabbli ta' xoghol ossija €12 u VAT ghal kull persuna inkarigata ghal kull siegha ta' xoghol. Jinghad ukoll li, bejn wiehed u iehor, sabiex jitlesta x-xoghol ikunu mehtiega 5 persuni ghal tmien sieghat fuq medda ta' tlett ijiem. L-intimat qed jirrifjuta li jhallas ghax-xoghol peress illi m'huwiex soddisfatt bix-xoghol ta' tindif, b'mod partikulari fir-rigward tax-xoghol li kellu jigi imwettaq fuq il-madum ta' barra. F'dan ir-rigward huwa jixhed, permezz tal-affidavit tieghu, li «meta mort fuq il-post madwar Dicembru tal-istess sena, sibt li x-xoghol ma kienx sar sew: stajt nara illi kien hemm gbir ta' trab fil-gnub tal-kmamar, bhal li kieku xi hadd kien tefghu f'genb flok kinsu. Nghid illi l-iktar haga li ma kontx sodisfatt biha izda kienet l-art u r-rampa ta' barra, li mhux talli ma kinitx giet imnaddfa u polished hekk kif rikjest u kkonfermat li ha jsir mill-Kumpanija stess, izda kienet tidher illi hi aktar mahmuga u mtebba' milli kienet qabel (…) »*
>
> *Illi madanakollu ghandu jigi debitament ikkunsidrat li s-socjeta` attrici wettqet diversi xogholijiet ohrajn li fir-rigward taghhom l-istess intimat jew nies inkarigati minnu iffirmaw satisfaction notes. F'dan ir-rigward jinsab gustament deciz minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut f'kaz fejn il-fatti kienu pressokke` identici ghal dawk in ezami li, gjaldarba gew iffirmati s-satisfaction notes il-konvenut ma jistax sussegwentement*

[1] Fol. 24.

*jilmenta mill-istess xoghol meta jigi mitlub ihallas ghalih:*

> *«Il-konvenut kien iffirma s-satisfaction notes fejn ikkonferma li sar ix-xoghol kif suppost. (…) Il-konvenut allega li sab lill-haddiema tas-socjeta' attrici ma jahdmux izda dejjem iffirma d-dokumenti li bihom iddikjara li x-xoghol sar sewwa." **(Bad Boy Cleaning Services Limited v. Philip Grech** deciza mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar kif deiversament presjedut fis-27 ta' Gunju, 2005).*

*It-Tribunal jinnota li fir-rigward tax-xoghol ta' tindif mertu ta' din il-kawza l-intimat jew persuni inkarigati minnu sottoskrivew 6 satisfaction notes ossija s-segwenti:*

*25 t'Ottubru, 2016 (4 persuni ghal hames sighat u nofs kull wiehed a fol. 50 tal-process)*

*2 ta' Novembru, 2010 (4 persuni ghal hames sighat u tlett kwarti kull wiehed a fol. 15 tal-process)*

*3 ta' Novembru, 2016 (3 persuni ghal sitt sighat kull wiehed a fol. 16 tal-process)*

*30 ta' Novembru, 2016 (4 persuni ghal sitt sieghat u nofs kull wiehed a fol. 17 tal-process)*

*1 ta' Dicembru, 2016 (4 persuni ghal sitt sighat kull wiehed a fol. 18 tal-process)*

*2 ta' Dicembru, 2016 (4 persuni ghal tmien sighat u nofs kull wiehed a fol. 22 tal-process).'*

*Huwa car allura li, avut ukoll rigward ghal dak deciz minn dan l-istess Tribunal fil-kawza hawn fuq citata, fir-rigward tax-xoghol imwettaq fil-granet hawn fuq elenkati l-intimat ma jistax issa jilmenta minn xoghol li a tempo vergine huwa ddikjara ruhu soddisfatt minnu u b'hekk jipprova jehles mill-obbligu tieghu li jhallas ghalih. Lanqas jista' l-istess intimat jilmenta li x-xoghol ha aktar zmien minn dak maqbul bejn il-partijiet u dana ghaliex, l-email datata 11 t'Ottubru, 2016 filwaqt li tistipula r-rati applikabbli taghti biss idea indikattiva ta' kemm jehtieg zmien sabiex jigi kompletat tali xoghol. Permezz talistess email ma jidhirx li ntlahaq ftehim bejn il-partijiet li x-xoghol kollu jigi konkluz entro xi zmien partikolari jew entro ghadd partikolari ta' sighat. Fuq kollox, l-intimat jew il-persuni inkarigati minnu ma sabu ebda oggezzjoni li s-socjeta` attrici tkompli bixxogholijiet fid-dati hawn fuq indikati anke oltre din l-indikazzjoni aprossimattiva. Aktar minn hekk, l-intimat jew persuni inkarigati minnu ddikjaraw ruhhom sodisfatt b'tali xoghol. Il-bwona fede li biha jehtieg li jigu ezegwiti l-kuntratti sinallagmatici min-naha ta' kull parti ma tippermettix li issa l-intimat jipprova jehles mill-obbligu tieghu li jhallas*

*lis-socjeta` attrici ghax-xoghol imwettaq minnha u li huwa stess (jew min ghalih) iddikjara ruhu interament sodisfatt mill-istess.*

*Illi madanakollu jigi nutat li s-satisfaction note datata 6 ta' Jannar, 2017 (fol. 19 talprocess) ghalkemm giet iffirmata tindika l-kelma 'complaint' fil-parti taghha fejn suppost hemm indikat ix-xoghol imwettaq. X'aktarx illi din in-nota tirreferi proprju ghal dak ix-xoghol ta' tindif li kellu jigi imwettaq fuq il-madum ta' barra imma li wassal sabiex l-istess madum jibqa' mahmug jew sahansitra jigi jidher aktar mahmug milli kien jidher qabel, kif allegat mill-konvenut. F'dan ir-rigward l-intimat ressaq ghadd ta' ritratti (a fol. 36 sa 39 tal-process) li jindikaw proprju l-madum mahmug u/jew imtebba'. Ghalkemm Malcolm Gatt a nom tas-socjetà attrici xehed li "jien stess bghatt lin-nies biex dawn laffarijiet zghar jigu rimedjati u fil-fatt hekk kien gara" (fol. 42 tal-process), baqghet ma tressqet ebda prova konkreta u oggettiva li x-xoghol hazin gie rimedjat. L-ilment espressament indikat fuq in-nota datata 6 ta' Jannar, 2017 hija prova cara ta' dan. Lanqas ma tressqet prova li s-socjeta` attrici ma kenitx qed titlob pagament fir-rigward tax-xoghol imwettaq minnha fis-6 ta' Jannar, 2017.*

*Ghaldaqstant it-Tribunal isib li l-intimat huwa gustifikat li jirrifjuta l-hlas mitlub minnu limitatament ghas-sighat adoperati mill-haddiema tas-socjetà attrici fis-6 ta' Jannar, 2017 liema xoghol jidher car li ma kellu ebda utilità ghall-istess intimat kif jixhdu listess ritratti surreferiti. Konsegwentement l-intimat ghandu jhallas lis-socjetà attrici s-somma mitluba (€2619.60) wara li jigu mnaqqsa s-sieghat mahduma fis-6 ta' Jannar, 2016 (3 persuni ghal 3 sighat u nofs kull wahda b'rata ta' €12 oltre VAT fis-siegha ammontanti ghal €148.68 VAT inkluza) u cioe` s-somma ta' €2470.92.'*

3. Il-konvenut appella mis-sentenza tat-Tribunal. L-aggravji huma:

   i. Illi t-Tribunal għamel apprezzament żbaljat kemm tal-fatti kif ukoll tal-liġi meta fil-konklużjonijiet strah pjenament fuq is-sitt *satisfaction notes* tal-25 ta' Ottubru, 2 ta' Novembru, 3 ta' Novembru, 30 ta' Novembru, 1 ta' Diċembru u 2 ta' Diċembru 2016 u ddikjara illi "*fir-rigward tax-xogħol imwettaq fil-ġranet hawn fuq elenkati l-intimat ma jistax issa jilmenta minn xogħol li a tempo vergine huwa ddikjara ruħu sodisfatt minnu u b' hekk jipprova jeħles mill-obbligu tiegħu li jħallas għalih ...*";

   ii. Illi t-Tribunal fis-sentenza injora kompletament l-ammont ta' sigħat eċċessivi li s-soċjetà appellata ħadet sabiex twettaq ix-xogħlijiet in kwistjoni; u

   iii. Illi l-ispejjeż m' għandhomx jiġu sopportati minnu.

4. L-appellata ma wiġbitx bil-miktub iżda saret trattazzjoni fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2019.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>.**

5. Qabel kull konsiderazzjoni oħra, irid jingħad illi safejn l-aggravji tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi żvolt fil-prim'istanza, hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni tat-Tribunal fl-evalwazzjoni tal-provi. Madanakollu:

> *'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b'dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "**Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Emily Stivala et -vs- George Pace**", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000'*[2]

6. Fil-każ odjern għandu ukoll jiġi meqjus li proċediment quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar jinvolvi proċedura verament sommarja bi kriterji differenti minn dawk previsti mil-liġi proċedurali a tenur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta adoperati fil-qrati ordinarji. Għalhekk, għalkemm l-artikolu 8(3) tal-Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni jaqbeż elf u ħames mitt euro (€1,500):

> *'wieħed għandu dejjem iżomm in mira illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tiġi konfezzjonata prinċipalment skond l-ekwità (Artikolu 7 tal-Kapitolu 380). Dan ifisser li fl-eżami li jrid jiġi kondott ta' l-apprezzament tal-provi li għamel it-Tribunal din il-Qorti trid tara jekk kienx hemm fil-ġudizzju magħmul leżjoni tad-dritt ekwitattiv'*[3]

7. In materja, jinsab deċiż ukoll illi:

> *'l-ġustizzja u l-ekwita' jirrikjedu illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tkun bażata fuq il-fatti provati. Filwaqt li din il-Qorti ta' reviżjoni ma għandhiex il-kompetenza biex tissindika deċiżjoni ta' fatt li jkun wasal għaliha t-Tribunal in kwantu din hi materja ta' kompetenza esklussiva tiegħu, din il-Qorti ma hix eskluża mill-funzjoni li tiddeċiedi jekk tali deċiżjoni ta' fatt kienetx tirrifletti l-ġustizzja sostantiva u l-ekwità. Ġustizzja sostantiva li fil-verità trid tkun bilfors konfortata b' modiku ossia minimu ta' fatt provat. Huwa wkoll prinċipju ta' ġustizzja*

---

[2] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004.

[3] ***Schanzlin Gaby Vs Vella Joe Et***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 08.06.2005.

*naturali illi l-ġudikant għandu jiddeċiedi iuxta allegata et probata u ma jistax jiddeċiedi manifestament u ovvjament kontra dak li ġie quddiemu provat" – "**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999'.* [4]

8. Permezz tal-**ewwel aggravju** l-appellant jilmeta li t-Tribunal iddeċieda li hu obbligat iħallas għal dawk ix-xogħlijiet li għalihom ġew iffirmati *satisfaction notes*, u dan minkejja li mhux ix-xogħlijiet kollha kienu lesti. Jikkontendi li skont il-ftehim bejn il-partijiet x-xogħlijiet kwotati mill-appellata kellhom jitħallsu '*on completion of works*', liema kundizzjoni hija waħda riżoluttiva a tenur tal-artikolu 1068 tal-Kodiċi Ċivili. Konsegwentement jilmenta li ladarba ġie ravviżat mit-Tribunal stess li ix-xogħol ħażin li sar fuq barra ma ġiex rimedjat, it-Tribunal kellu jqis dan il-fatt bħala difett essenzjali fil-ftehim bejn il-partijiet li jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt minħabba l-inadempjenza. Jilmenta ulterjorment li l-firem fuq is-*satisfaction notes* ma ġewx verifikati u li m'hemmx ċertezza għal xiex tirreferi l-*complaint* fis-*satisfaction note* tas-6 ta' Jannar 2017.

9. Din il-Qorti tqis li dan l-aggravju jikkontrasta dak li xehed l-appellant stess in kontro-eżami fl-udjenza tas-16 ta' Mejju 2018 fejn qal testwalment kif ġej:

*'Ir-ritratti jirreferu għad-drive in jew parking space, il-problema kienet tikkonċentra f'dawn l-ambjenti. Qed issirli referenza għal dawn ir-ritratti b'mod partikolari u niġbed l-attenzjoni għat-Tribunal li l-ftehim kien li għandu jitneħħa s-siment li jidher fuq it-tiles fir-ritratti a fol. 37 u 38 tal-proċess. Ngħid li minkejja li saru xogħolijiet min-naħa tas-soċjetà attriċi dan baqa' ma sarx. Naqbel ma' dak li qed jiġi suġġerit lili li* ***l-akbar xogħol li kien hemm kien fir-rigward ta' ġewwa tal-ambjenti*** *pero' jiena ma kontx kuntnet bix-xogħol relattiv għal dak li sar barra kif jidher fir-ritratti ...* ***Ngħid li l-ftehim li kellna aħna bejnietna kien jew għallinqas aktar milli ftehim dak li kont dispost illi nagħmel jien kien illi nħallsu fir-rigward tax-xogħol li kien għamel fuq ġewwa peress li dan kien ġie terminat pero' jiena qatt m'aċċettajat li nħallsu fir-rigward tax-xogħlijiet li saru fuq barra.*** *Ngħid li min-naħa tiegħu Malcolm Gatt kien infurmani li kien hemm aktar siegħat li ttieħdu sabiex sar xogħol fuq barra milli fuq ġewwa u jiena bqajt ninsisti li fir-rigward tax-xogħol li sar fuq barra jiena ma nħallsux peress li ma kienx għadu għas-sodisfazzjon tiegħi. Skont kif jidhirli jiena l-ammont li qed jiġi mitlub permezz ta' din il-kawża jinkludi l-ħlas li huwa dovut lis-soċjetà attriċi kemm fir-rigward tax-xogħolijiet ta' tindif li saru fuq ġewwa kif ukoll dawk fuq barra.* [5]

10. **Fi kliem l-appellant innifsu, li x-xogħol ta' tindif fuq ġewwa tal-fond kien tlesta u li huwa kien <u>dispost iħallas għalih</u> in kwantu l-lanjanza tiegħu kienet limitata għall-allegat xogħol ta' tindif ħażin fl-ambjent ta' barra**. Ladarba l-appellant stess ammetta li parti mis-somma mitluba permezz tal-proċeduri odjerni hija dovuta, kull pretensjoni da parti tiegħu li t-

---

[4] ***Jennifer Hubbers v Rite Mix (Gatt Bros) Ltd.***, Qorti tal-Appell, 26.01.2005.

[5] Fol. 58 u 59, enfażi tal-Qorti.

Tribunal kellu jiċħad it-talba attriċi fis-sħiħ u jiddikjara li huwa m' għandu jħallas xejn hija insostenibbli u addirittura vessatorja.

11. F'kull każ, kuntarjament għal dak pretiż mill-appellant, l-allegat difett fix-xogħol ta' tindif tal-*outside area* waħdu ma jistax iwassal għar-riżoluzzjoni tal-ftehim fl-intier tiegħu, ladarba, kif konċess mill-appellant stess fix-xhieda appena ċitata, l-**maġġoranza** tax-xogħol li ssemma fl-*email* tal-11 ta' Ottubru 2016[6] kien jirreferi għall-ambjenti ta' **ġewwa** tal-fond. Xogħlijiet li tlestew.

12. Apparti hekk, jirriżulta li meta saret l-istima mill-appellata, il-*carport* li jidher imtebba' fir-ritratti kien għadu *under construction* u l-*outside area* deskritta fl-imsemmija kwotazzjoni kienet tirreferi għall-*pool area*.[7]

13. L-appellant jilmenta ukoll li l-firem fuq is-*satisfaction notes* ma ġewx verifikati u li m'hemmx ċertezza għal xiex tirreferi l-*complaint* fis-*satisfaction note* tas-6 ta' Jannar 2017. Hekk kif ingħad aktar 'l fuq, l-apprezzament tal-fatti huwa rimess f'idejn it-Tribunal li f'każijiet bħal dawn għandu jiddeċiedi abbażi tad-dritt ekwitattiv.

14. Mill-atti jirriżulta li minkejja l-appellanti talbet ħlas fl-ammont ta' elfejn sitt mija u dsatax-il ewro u sittin ċenteżmu (€2,619.60), dak l-ammont ma jirriżultax minn fattura.L-appellata ressqet bħala xhud lil Malcolm Gatt biss, li ppreżenta s-segwenti *satisfaction notes*:

- 02.11.2016[8] – għal '*window cleaning*' u '*first clean*' iffirmata minn Sandro Varazzo għal 4 persuni għal ħames siegħat u tlett kwarti kull wieħed li jammontaw għal total ta' **23 siegħa**;
- 03.11.2016[9] – għal '*first clean*' iffirmata minn Sandro Varazzo għal 3 persuni għal sitt siegħat kull wieħed li jammontaw għal total ta' **18-il siegħa**;
- 30.11.2016[10] – għal '*window cleaning*' u '*fc*' iffirmata minn Mark Muscat għal 4 persuni għal sitt siegħat u nofs kull wieħed li jammontaw għal total ta' **26 siegħa**;
- 01.12.2016[11] – għal '*window cleaning*' u '*fc*' iffirmata minn Sandro Varazzo għal 4 persuni għal 6 siegħat kull wieħed li jammontaw għal total ta' **24 siegħa**;

---

[6] Fol. 20 u 21.
[7] Ri-eżami ta' Malcolm Gatt a fol. 42.
[8] Fol. 15.
[9] Fol. 16.
[10] Fol. 17.
[11] Fol. 18.

- 02.12.2016[12] - għal '*window cleaning*' u '*fc*' iffirmata minn Sandro Varazzo għal 4 persuni għal 8 siegħat u nofs kull wieħed li jammontaw għal total ta' **34 siegħa**; u
- 06.01.2017[13] – għal '*complaint*' għal 3 persuni għal 3 siegħat u nofs iffirmat minn persuna mhux identifikata kull wieħed li jammontaw għal total ta' **10 sigħat u nofs**.

15. Meħuda flimkien, dawn jammontaw għal 135 siegħa u 30 minuta li bir-rata ta' €12 fis-siegħa jammontaw għal elf sitt mija u sitta u għoxrin ewro (€1,626). Fuq dan trid tiżdied it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud fis-somma ta' €292.68 (18%), total ta' elf disa' mija u tmintax-il ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€1,918.68). Ma ġiex spjegat kif l-attriċi qegħda titlob il-ħlas ta' elfejn sitt mija u dsatax-il ewro u sittin ċenteżmu (€2,619.60).

16. Is-somma dikjarata fl-Avviż ta' Talba taqbel mal-*invoices* li l-appellant innifsu rrefera għalihom fl-affidavit tiegħu.[14] Huwa xehed li rċieva:

- *invoice* għas-somma ta' €892.08 għall-perjodu bejn l-24 ta' Ottubru 2016 u s-6 ta' Novembru 2016 għal xogħol li sar f' medda ta' <u>tlett ijiem</u>; u

- *invoice* oħra għas-somma ta' €1,727.52 għal xogħol li sar fuq medda ta' <u>tlett ijiem</u> oħra bejn it-28 ta' Novembru 2016 sal-4 ta' Diċembru 2016.

17. Għalkemm l-appellant xehed fl-affidavit li dawn l-*invoices* qegħdin jiġu eżebiti u mmarkati '**Dok LC 5**' u '**Dok LC4**' rispettivament,[15] effettivament ma ġewx. Bħala prova dokumentarja t-Tribunal seta' għalhekk jistrieħ biss fuq is-*satisfactory notes* in atti.

18. Huwa minnu li l-firem fuq l-istess *satisfactory notes* qatt ma ġew ikkonfermati minn min iffirmahom iżda l-appellant xehed li huwa kien jibgħat lil ċertu Sandro Verazzo sabiex jara li x-xogħol kien qiegħed isir u fil-fatt għaraf il-firma tiegħu fuq is-*satisfactory notes* tal-**25 ta' Ottubru 2016[16] u tat-2 ta' Novembru 2016[17]** eżebiti minnu stess.[18] Sandro Verazzo ma xehedx iżda **l-istess firma** li l-appellant għaraf fuq is-*satisfactory notes* **tinsab ukoll fuq is-*satisfactory***

---

[12] Fol. 23.
[13] Fol. 19.
[14] Fol. 46.
[15] Para 10 u 11 tal-affidavit tiegħu.
[16] Fol. 50.
[17] Fol. 51.
[18] Fol. 45.

***notes* tat-3 ta' Novembru 2016, 1 ta' Diċembru 2016 u 2 ta' Diċembru 2016** eżibiti minn Malcolm Gatt. Il-qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn it-Tribunal kellu jiddubita l-veraċità tas-*satisfactory* tat-3 ta' Novembru 2016, 1 ta' Diċembru 2016 u 2 ta' Diċembru 2016.

19. L-uniku żewġ *satisfactory notes* li ma ġewx iffirmati minn Sandro Verazzo kienu dawk tat-30 ta' Novembru 2016 u tas-6 ta' Jannar 2017:

19.1. Rigward is-*satisfactory note* tat-**30 ta' Novembru 2016** iffirmata minn Mark Muscat ID 543394(M), mill-atti jirriżulta li la l-appellant u lanqas Christian Borg, sid id-dar in kwistjoni, ma kienu jkunu *on site*[19] iżda kien ikun hemm ħaddiema oħra tagħhom. La l-appellant u lanqas Christian Borg ma ċaħdu li dak ix-xogħol kien sar jew li l-persuna li ffirmat għalih b'isimha sħiħ u bin-numru tal-karta tal-identità ma kienx addett tagħhom. Il-qorti ma tara l-ebda raġuni għalfejn dik il-prova kellha tiġi skaratata mit-Tribunal.

19.2. Fis-*satisfactory note* tas-**6 ta' Jannar 2017** tniżżlet il-kelma '*complaint*' b'dan illi t-Tribunal ikkonluda li dan kien ix-xogħol li sar ħażin mill-appellata u għalhekk <u>l-ebda pagament ma huwa dovut mill-appellant għas-siegħat hemm indikati</u>. Fil-fatt tali data m' hijiex koperta fil-perjodi li għalihom jirreferu l-invoices li jgħid li rċieva l-appellant li kienu jkopru b'kollox sitt ijiem bejn l-24 t' Ottubru 2016 u l-4 ta' Diċembru 2016.[20]

20. Safejn l-appellant jikkontendi li m'hemmx prova li l-'*complaint*' kien limitat biss għas-sigħat indikati fl-imsemmija *satisfactory note* tas-6 ta' Jannar 2017, tali allegazzjoni hija fiergħa. Jekk l-appellant jew min kien qiegħed jiffirma s-*satisfaction notes* għan-nom tiegħu kellu *complaint* dwar xogħol ieħor, missu indika hekk a *tempo vergine* fis-*satisfactory note* relattiva u mhux jiffirma mingħajr ebda riżerva. Fejn ma ġietx indikata *complaint* it-Tribunal seta' biss jikkonkludi li x-xogħol kien sar b' mod sodisfaċjenti hekk kif attestat fis-*satisfactory notes* kollha l-oħra ħlief dik tas-6 ta' Jannar 2017. Min ikollu lment ma jiffirmax is-*satisfactory note* mingħajr ebda riżerva kif ġara f'dan il-każ.

21. Is-*satisfactory note* tal-**25 ta' Ottubru 2016**[21] ġiet eżibita <u>biss</u> mill-appellant iżda mill-assjem tal-fatt jsegwi li din kienet waħda mill-ġranet li għalihom kienet

---

[19] Fol. 31 u 45.
[20] Fol. 46.
[21] Fol. 50.

tirreferi l-invoice li l-appellant irċieva fis-16 ta' Diċembru 2016 u li fuqhom l-appellant stess għaraf il-firma ta' Sandro Varazzo.

22. Stabbilit dan, it-Tribunal kien korrett jikkonkludi li l-appellant għandu jħallas għas-segwenti:

- 25 ta' Ottubru 2016[22] - 4 persuni għal ħames siegħat u nofs kull wieħed li jammontaw għal total ta' **22 siegħa**;
- 02.11.2016[23] – 4 persuni għal ħames sigħat u tlett kwarti kull wieħed li jammontaw għal total ta' **23 siegħa**;
- 03.11.2016[24] –3 persuni għal sitt siegħat kull wieħed li jammontaw għal total ta' **18-il siegħa**;
- 30.11.2016[25] – 4 persuni għal sitt siegħat u nofs kull wieħed li jammontaw għal total ta' **26 siegħa**;
- 01.12.2016[26] – 4 persuni għal 6 siegħat kull wieħed li jammontaw għal total ta' **24 siegħa**;
- 02.12.2016 – 4 persuni għal 8 siegħat u nofs kull wieħed li jammontaw għal total ta' **34 siegħa.**

23. **Total ta' 147 siegħa li bir-rata ta' €12 fis-siegħa jfisser ħlas dovut ta' elf seba' mija u erbgħa u sittin ewro (€1,764) li miegħu jrid jiżdied it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud. It-total hu elfejn u wieħed u tmenin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€2,081.52). Għalhekk il-qorti ma taqbilx mat-Tribunal li kkonkluda li l-ħlas dovut mill-appellant kien elfejn erba' mija u sebgħin ewro u tnejn u disgħajn ċenteżmu (€2,470.92).**

24. Permezz tat-**tieni aggravju** l-appellant ilmenta ukoll li t-Tibunal injora kompletament is-sigħat eċċessivi li s-soċjetà appellata ħadet biex wettqet ix-xogħolijiet in kwistjoni.

25. Jirriżulta ċar mill-*email* tal-11 t' Ottubru 2016[27] li s-soċjetà appellata qatt ma ntrabtet b'numru ta' sigħat fissi u tat prezz ta' tnax-il ewro (€12) għal kull siegħa. Pero' bħala kalkolu <u>approssimattiv</u> fl-istess *email* stmat biss li x-xogħol kien se jieħu tlett ijiem jekk isir minn 5 persuni għal 8 sigħat kull darba. Għalhekk, kif tajjeb deċiż mit-Tribunal:

---

[22] Fol. 50.
[23] Fol. 15.
[24] Fol. 16.
[25] Fol. 17.
[26] Fol. 18.
[27] Fol. 48.

*'Permezz tal-istess email ma jidhirx li ntlahaq ftehim bejn il-partijiet li x-xoghol kollu jigi konkluz entro xi zmien partikolari jew entro ghadd partikolari ta' sighat. Fuq kollox, l-intimat jew il-persuni inkarigati minnu ma sabu ebda oggezzjoni li s-socjeta` attrici tkompli bix-xogholijiet fid-dati hawn fuq indikati anke oltre din l-indikazzjoni aprossimattiva. Aktar minn hekk, l-intimat jew persuni inkarigati minnu ddikjaraw ruhhom sodisfatt b'tali xoghol. Il-bwona fede li biha jehtieg li jigu ezegwiti l-kuntratti sinallagmatici min-naha ta' kull parti ma tippermettix li issa l-intimat jipprova jehles mill-obbligu tieghu li jhallas lis-socjeta` attrici ghax-xoghol imwettaq minnha u li huwa stess (jew min ghalih) iddikjara ruhu interament sodisfatt mill-istess.'*

26. L-ammont li l-appellant ser ikun ikkundannat iħallas lis-soċjeta' appellata hu ftit iktar minn tlett mitt ewro (€300) iktar mill-istima. Il-qorti ma tarax li hemm xi diskrepanza daqstant kbira li twassalha biex tikkonkludi li l-appellata talbet għall-ħlas li m'hijiex intitolata għalih. Dan apparti li taqbel mar-raġunament tat-Tribunal.

27. Għaldaqstant tiċħad it-tieni aggravju.

28. L-aħħar u t-**tielet aggravju** jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż.

29. Tenut dak hawn fuq deċiż, din il-Qorti hija tal-fehma li ladarba s-somma attwalment dovuta mill-appellant lis-soċjetà appellanti hija approssimattivament 80% tas-somma pretiża, l-istess proporzjon għandha tiġi riflessa fil-kap tal-ispejjeż.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' parzjalment l-appell u tvarja s-sentenza fis-sens li tikkundanna lill-appellant iħallas lill-kumpannija appellata s-somma ta' elfejn u wieħed u tmenin ewro u tnejn u ħamsin ċenteżmu (€2,081.52). L-imgħax jiddekorri mid-data tal-ewwel sentenza kif deċiż mit-Tribunal u dwar liema ma kienx hemm aggravju.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi jitħallsu in kwantu għal 80% mill-appellant u 20% mis-soċjetà appellata.**

Anthony Ellul.